MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1411/1990/2

**Dottor Guzeppi Schembri**

**v.**

**Anthony Sammut u l-Perit Joseph A. Delia**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Dicembru 1990 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi, fuq inkarigu tal-attur, il-konvenut Delia bhala arkitett u l-konvenut Sammut bhala appaltatur esegwew ix-xoghol ta' kostruzzjoni ta' dar gebel u saqaf fuq plot li jgib in-numru 363 f'Santa Maria Estate, Mellieha, proprjeta` tal-attur;

Illi x-xoghol fuq imsemmi ma sarx skond is-sengha u l-arti u/jew skond il-pjanta u kien fih diversi difetti partikolarment, ghalkemm mhux eskluzivament, fil-pedamenti (Dok. A1 sa A8) u bhala rizultat l-attur sofra danni konsiderevoli;

Illi ghan-nuqqasijiet u/jew difetti u konsegwenzjali danni huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom minhabba negligenza, nuqqas ta' diligenza u inadempjenza fl-obbligi taghhom;

Illi, nonostante li l-konvenuti gew interpellati anke permezz ta' protest gudizzjarju biex jaghmlu tajjeb ghal dawn id-danni, huma baqghu inadempjenti;

Talab li din il-Qorti :

1. Tiddikjarahom jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqasijiet, difetti fix-xoghol ta' kostruzzjoni u konsegwenzjali danni;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur anke jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;
3. Tikkundannahom jew min minnhom biex ihallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-10 ta' Ottubru, 1990 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Perit Joseph A. Delia fejn qal:

1. Illi huwa m'hux responsabbli bl-ebda mod ghad-danni allegati mill-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Sammut fejn qal:

Illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex:

1. Ix-xoghol tal-konvenut sar skond is-sengha u l-arti tal-bini u segwa f'kollox il-pjanti u l-istruzzjonijiet tal-attur u tal-Perit Arkitett inkarigat mix-xogholijiet.
2. Il-konvenut kien inkarigat biss biex jikkostruwixxi id-dar tal-attur (363 f'Santa Maria Estate, Mellieha) fi stat ta' gebel u saqaf. Il-hsara li sussegwentement sofra l-attur fl-istess dar hija attribwibbli ghall-inattenzjoni u traskuragni tal-attur li naqas li jipprotegi l-qafas tad-dar, inkluzi l-hitan u l-pedamenti ghal diversi snin, u di pju ppermetta t-tferriegh tal-katusi tal-ilma tax-xita direttament fil-pedamenti.
3. Salvi eccezjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-16 ta' Dicembru 1991 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. M'Angelo Refalo bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat li fis-16 ta' Marzu 1992 ghall-imsemmi perit tekniku gie sostitwit l-A.I.C. Frederick Doublet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku debitament mahluf fil-11 ta' Dicembru 2001;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda difetti fil-kostruzzjoni tad-dar ta' l-attur f'Santa Maria Estate, Mellieha li minhabba fihom l-attur jghid li sofra danni. Il-perit tekniku l-A.I.C. Frederick Doublet ghamel diversi accessi fuq il-post, sema' x-xiehda kollha relattiva u ghamel analizi akkurata u dettaljata fir-relazzjoni tieghu. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti qed tirreferi b'mod partikolari f'dar-rigward ghall-paragrafi 62 sa 70 tar-relazzjoni peritali. Jirrizulta li l-attur ha xi rimedji

(para. 70 tar-relazzjoni) izda skond il-perit tekniku ma ttihdux il-mizuri effettivi kollha necessarji biex tigi evitata hsara ulterjuri. Il-kawzi tal-hsarat li jikkoncernaw din il-kawza pero` gew elenkati mill-perit tekniku hekk(para. 72 tar-relazzjoni):

"**Fil-basement**

(i) Nuqqas ta' eskavazzjoni fonda bizzejjed u kura taghha qabel saru l-*footings*.
(ii) *Unequal settlement* tal-*footings* minhabba *loading pattern* - fejn sular u fejn tnejn, u pisien koncentrati (travi).
(iii) Ftuh ta' samrotti minhabba rezistenza laterali mnaqqsa (ma kinux saru l-koxox kbar bizzejjed peress li l-hitan ta' sostenn bejn il-*front* u *side gardens* ma kinux lesti).

**Fil-bungalow**

(i) Pressjoni laterali fuq hitan tal-pedamenti kawzata minn rdim jaghfas maghhom.
(ii) Dghufija ta' pedamenti minhabba l-mod kif gew esegwiti.
(iii) Passagg ta' trakkijiet u ngenji vicin il-pedamenti.
(iv) Kwantita` ta' ilma fil-pedamenti.
(v) Il-kwalita` ta' materjal uzat ghall-irdim mal-pedamenti u l-mod kif tpogga.
(vi) Dghajfien tal-art u possibbilment rotazzjoni tal-*footings* fil-parti mhollija ghall-ahhar (il-kantuniera ta' wara/xellug u l-hitan ta' ma' genbha).

**Fir-*retaining walls***

(i) Il-kostruzzjoni tal-hitan.
(ii) Il-mod kif sar l-irdim maghhom u l-kwalita` ta rdim."

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut Perit Delia jghid: li hu kien responsabbli ghall-kostruzzjoni tal-bini biss u mhux ghall-*finishes*, servizzi u *external landscaping*; hemm indikazzjoni li d-danni identifikati mill-perit tekniku graw minhabba impatt ta' xi makkinarju kbir fuq il-pedamenti esposti u li gew aggravati min-nuqqas li l-

ilma tax-xita jigi *disposed of* sewwa u mill-uzu ta' materjal mhux idoneju bhala *back-filling* max-*shell*, liema xoghol sar wara li hu spicca mill-inkarigu tieghu; il-pjanti kienu approvati mill-attur qabel ma gew sottomessi lill-PAPB u l-bini eventwali hu fidil ma' dawn il-pjanti; il-pjan tal-pedamenti kif ukoll it-twettiq ta' l-istess gew ezaminati *ex post facto* mill-perit tekniku u mill-perit li qabbad wara l-attur u t-tnejn approvaw l-istess; li huwa attenda fuq il-lant tax-xoghol hafna drabi; li l-Kodici ta' Prattika tal-Periti u Inginiera Civili tirreferi ghal drittijiet ghal dik is-supervizjoni meqjusa necessarja biex jigi assigurat li x-xoghlijiet qed jigu esegwiti in generali skond il-kuntratt; li d-danni li sehhew kienu fil-parti l-kbira rizultat ta' xoghol li twettaq wara li spicca mill-inkarigu tieghu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut Anthony Sammut jghid: li xoghol b'ingenji fuq in-naha ta' wara tal-villa sar f'zewg okkazjonijiet, l-ewwel darba minn persuna mqabbda minnu meta kien diga` nbena l-*basement* u kienu tlestew il-pedamenti tal-*bungalow*, u darb'ohra meta sar tqattiegh ta' blat mill-kuntrattur Alfred Vella fuq inkarigu ta' l-attur stess; li kien hemm persuna indipendenti minnu li ghamlet l-irdim mal-pedamenti fuq in-naha ta' barra tal-villa u liema rdim ma kienx gebel *graded* mifrux saff saff u ppustjat bl-idejn mal-hitan; li meta lesta x-xoghol tieghu, dahlu hafna haddiema ohrajn warajh u ma setax jinghad jekk dawn uzawx ingenji u/jew trakkijiet li setghu kkagunaw il-hsara fil-pedamenti; li l-hsara kkawzata fil-pedamenti hija kawzata minn azzjoni wahda diretta fuq il-knaten in kwistjoni u huwa mhuwiex responsabbli ghal tali azzjoni; li m'ghandu l-ebda dubju li l-hsara grat wara li kien lesta x-xoghol tieghu; li l-attur stess kien ezonerah minn responsabbilta` ghax-xoghol fir-*retaining walls* bejn il-*front garden* u s-*side gardens* u dan gie injorat mill-perit tekniku.

Minn ezami tar-relazzjoni peritali din il-Qorti hi soddisfatta li l-perit tekniku ha in kosniderazzjoni dak kollu li kellu jiehu in konsiderazzjoni, b'dan li kwantu ghar-*retaining walls*, galadarba l-attur stess ezonera lill-konvenut Sammut mir-responsabbilta`, allura ma jista' jigi addebitat lilu l-ebda ammont minhabba l-hsara rizultanti. Imbaghad

jigi osservat ukoll li l-perit tekniku ma addebitax id-danni likwidati kollha lill-konvenuti biss izda apporzjona r-responsabbilta` kwantu ghal 70% lill-konvenut Anthony Sammut, kwantu ghal 15% lill-konvenut Perit Delia u kwantu ghal 15% lill-istess attur. Din il-Qorti ma tarax raguni impellenti biex tvarja din id-distribuzzjoni ta' responsabbilta`.

Il-perit tekniku llikwida d-danni minhabba t-tiswijiet li gew necessitati fl-ammont ta' Lm1,252.34. Illikwida wkoll l-ammont ta' Lm2,000 bhala tnaqqis fil-valur tad-dar - dan ghax id-dar ghandha certa difetti strutturali u ohrajn estetici peress li ma gewx esegwiti fedelment l-elevazzjonijiet u certi hwejjeg ma jistghux jigu eliminati ghal kollox u tibqa' l-possibilita` li jibqghu jitfaccaw b'mod imnaqqas id-difetti riskontrati anke wara li jkunu saru r-rimedji kollha suggeriti. Id-danni totali b'hekk jammontaw ghal Lm3,252.34 li minnhom il-konvenut Anthony Sammut ghandu jhallas Lm2,276.64 filwaqt li l-konvenut Perit Delia ghandu jhallas Lm487.85.
Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif inghad u ghalhekk:

(1) Tiddikjara lill-konvenut Anthony Sammut u lill-konvenut Perit Joseph A. Delia responsabbli ghan-nuqqasijiet, difetti fix-xoghol ta' kostruzzjoni u konsegwenzjali danni fil-proporzjon ta' 70% u ta' 15% rispettivament,
(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur u li ghandhom jithallsu mill-konvenuti fl-ammont ta' Lm2,764.49 (kwantu ghal Lm2,276.64 mill-konvenut Anthony Sammut u kwantu ghal Lm487.85 mill-konvenut Perit Joseph A. Delia), u
(3) Tikkundanna: lill-konvenut Anthony Sammut biex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm2,276.64 hekk likwidata u lill-konvenut Perit Joseph A. Delia biex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm487.85 hekk likwidata. Bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal 70% mill-konvenut Anthony Sammut, kwantu ghal 15% mill-konvenut Perit Joseph A. Delia u kwantu ghal 15% mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------